MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Citazzjoni Numru. 1041/2010

**Paul Fiorini (K.I. 223359M)**

***kontra***

**John (K.I. 52141G) u Mary Rose (K.I. 4347G) konjugi Fiorini**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat bil-procedura sommarja specjali fil-15 ta` Ottubru 2010 li jaqra hekk –

*Illi l-esponenti kien silef lill-intimati s-somma ta` sitta u sebghin elf u hames mitt Euro (€76,500), u dan skond skrittura privata datata ghaxra (10) ta` Marzu tas-sena elfejn u tmienja (2008) (esebita Dok. PF1), liema somma kellha tigi mhallsa lura sal-wiehed u tletin (31) ta` Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009), bir-rata ta` imghax ta` hamsa fil-mija (5%).*

*Illi din is-somma ta` sitta u sebghin elf u hames mitt Euro (€76,500), baqghet ma thallset lura qatt lir-rikorrenti u ghalhekk din is-somma hija ammont cert, likwidu u li ghalaq.*

*Illi, l-intimati ghalkemm interpellati permezz ta` ittra gudizzjarja datata 24 ta` Marzu 2010 (esebita Dok. PF2), baqghu inadempjenti.*

*Illi l-esponenti kkawtela d-drittijiet tieghu kontra l-intimati permezz ta` digriet ta` Mandat ta` Inibizzjoni li jgib id-data tat-8 ta` Ottubru 2010, billi zamm lill-intimati milli jbieghu l-fond ossia dar bin-numru sitta (6), bl-isem ta` 'Casa Fiorini', fi Triq ic-Cimiterju, Zabbar, u li tmiss mill-Majjistral ma` Triq ic-Cimiterju, mil-Lvant ma` beni ta` Louis Fiorini, u mill-Punent ma` beni tal-familja Grech,jew irjieh verjuri. (Esebit Dok. PF3).*

*Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta` l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, stante li l-ammont huwa wiehed cert, likwidu u dovut, u l-intimati m`ghandhomx eccezzjonijiet x`jaghtu kontra t-talba ghall-hlas ta` l-istess dejn.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :*

*1. Tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skond l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta ; u*

*2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu s-somma ta` sitta u sebghin elf u hames mitt Euro (€76,500) lill-esponenti.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax relattiv bir-rata ta` hamsa fil-mija (5%), mid-data tal-10 ta` Marzu 2008, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors mahluf.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-16 ta` Dicembru 2010 fejn, wara illi kienet tal-fehma li l-konvenuti kellhom eccezzjonijiet validi x`jaghtu kontra t-talba attrici, tat lill-konvenuti zmien ghoxrin (20) jum sabiex jipprezentaw risposta.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fid-29 ta` Dicembru 2010 li taqra hekk –

*Illi t-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent, peress li l-iskrittura privata datata 10 ta` Marzu 2008, li fuqha r-rikorrent ibbaza l-azzjoni tieghu hija nulla u bla effett fil-ligi in quanto nieqsa minn kawza lecita ;*

*Illi minghajr pregudizzju ghal dak suespost l-ammont se mai verament dovut huwa inqas minn dak mitlub mir-rikorrent Paul Fiorini ;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attur u d-dokumenti li kienu annessi (fol 19 sa fol 44).

Semghet ix-xiehda ta` Joseph Bezzina fl-udjenza tat-28 ta` Frar 2011 (fol 44 sa fol 55).

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-konvenut John Fiorini u d-dokumenti li kienu annessi (fol 57 sa fol 78).

Semghet il-kontroezami tal-attur fl-udjenza tat-3 ta` Mejju 2011 (fol 80 sa fol 106) u dak tal-konvenut fl-udjenza tad-29 ta` Settembru 2011 (fol 108 sa fol 128).

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta` Novembru 2011 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. Provi

**L-attur** xehed illi l-konvenut talbu jisilfu flus ghal negozju. L-attur accetta u ttrasferixxa a favur tal-konvenut is-somma ta` GBP 27,000. Fit-8 ta` Novembru 2008, dan

is-self sar bil-kitba (Dok PF4). Il-kitba saret mill-konvenut. Ghalkemm bil-fomm kienu ftehmu li fuq il-kapital misluf kellu ighaddi l-imghax, fil-kitba, ma kienx hemm riferenza ghall-imghax. L-attur oggezzjona u fl-14 ta` Novembru 2008, huwa stess kiteb l-iskrittura Dok PF5 u dahal l-imghax.

**<u>L-attur</u>** xehed illi wara dan l-ewwel ammont, ghadda lill-konvenut aktar sterlini u anke €2500. Saret skrittura Dok PF9 bid-data tal-10 ta` Marzu 2008. Kienet *backdated* biex turi l-ammont kollu li kien dovut. Fl-iskrittura kien hemm zball fis-sens illi l-2500 kienu indikati bhala GBP meta fil-fatt kienu Ewro.

**<u>L-attur</u>** jixhed illi l-konvenut baqa` jitolbu l-flus u l-attur baqa` jaghtih. Saret skrittura ohra dik Dok PF6 anke din id-darba bid-data tal-10 ta` Marzu 2008. Skond l-attur huwa baqa` jindika dik id-data biex juri meta kien silef lil huh il-konvenut l-ewwel darba pero` jaggorna l-bilanc. L-iskrittura Dok PF6 kienet turi kemm kien tela` l-ammont dovut mill-konvenut u kien jikkomprendi l-ammonti kollha li silef lill-konvenut. Il-bilanc kien indikat fil-munita Ewro wara li bi qbil bejniethom sar il-kambju minn GBP ghal € skond rati maqbula bejniethom. Il-konvenut accetta li l-ammont kellu jithallas sal-31 ta` Marzu 2009.

**<u>L-attur</u>** ikompli jghid illi l-konvenut rega` talbu aktar flus u l-attur tah €17,240 in kontanti. Rega` saret skrittura (Dok PF1) dejjem bid-data tal-10 ta` Marzu 2008 li turi kemm kien l-ammont globali dovut mill-konvenut u cioe` €76,500. L-ammonti kollha mislufa kienu komprizi f`dik il-figura. Il-hlas lura kellu jsir sal-31 ta` Marzu 2009. L-iskritturi kollha kienu accettati u ffirmati kemm minnu kif ukoll mill-konvenut. Dok PF1 kien kontrofirmat l-ghada minn Joseph Bezzina wara li l-attur u l-konvenut kienu diga` ffirmaw.

**L-attur** stqarr illi l-konvenut kien ighid li n-negozju li kellu kien gol-Afrika ta` Isfel. Il-konvenut baqa` ma hallas xejn mill-ammont dovut. Ghalhekk saret l-ittra ufficjali Dok PF2, u wara, mandat ta` inibizzjoni (Dok PF3) biex il-konvenut ma jittrasferix id-dar tieghu.

**L-attur** fisser illi saru l-kuntratt Dok PF7 u l-iskrttura Dok PF8 dwar il-fond 185, Two Gates Street, Senglea : tal-ewwel bejn il-kontendenti u huthom l-ohra dwar il-bejgh tal-fond, u l-kitba saret biex tirregola x`kellu jsir mis-sehem spettanti lill-konvenut minn dak il-fond. L-ammont dovut lill-attur ma kienx indikat f`dawn l-atti.

Fil-**kontroezami**, **l-attur** cahad illi parti mill-flus illi ta lill-konvenut fil-fatt kien investiment tieghu fin-negozju tal-konvenut fl-Afrika ta` Isfel. Dwar fejn f`kitba minnhom, jinghad *there is no interest on the loan* l-attur jixhed illi ghalkemm hekk kien iffirma, irrealizza li hekk ma kienx tajjeb u saret il-kitba ta` wara biex tibdel dak u l-konvenut accetta. Fil-fatt fil-kitba ta` wara kienet stabbilita d-data meta kellu jithallas l-ammont misluf. Kienu miftehma wkoll interessi ta` 5% fis-sena. Ikkonferma illi d-data ta` kull skrittura l-10 ta` Marzu 2008 u cioe` d-data meta sar l-ewwel self.

**L-attur** fisser ruhu hekk (ara fol 95) dwar ir-raguni wara s-serje ta` skritturi –

*... kull darba li sliftu l-flus jien dejjem urejtu l-ahhar ittra li ffirma u dak il-perijodu meta mbaghad ergajt sliftu l-flus ghidtlu jien sliftek tant flus, taf x`tajtek. Qalli ijja raha, ghamiltlu l-istess ittra jien stess qalli ijja orrajt u ffirmaha, u jien dejjem zidt fuq l-ahhar ittra li urejtu dejjem hekk ghamilt jien.*

**L-attur** ighid illi l-ammont pretiz ta` €76,500 huwa somma kapitali biss. Ghalhekk ma tinkludix l-imghax. Ighid illi sborsa aktar flus f`telf effettiv minhabba s-self illi

ta lill-konvenut pero` ma kien iqeghed jirreklama xejn aktar mill-konvenut fil-kawza tal-lum. L-ammont globali reklamat huwa dak attwalment sborsat f`self mill-attur a favur tal-konvenut.

**L-attur** jispjega illi meta hu silef lil huh il-konvenut l-ewwel darba l-konvenut kien diga` dahal fin-negozju. Baqa` jghaddilu l-flus, minkejja illi fehem li huh kien fl-inkwiet. Baqa` jisilfu ghax huh kien iddisprat (ara fol 101). Waqaf ighatih il-flus meta l-iskuzi li beda johrog bihom il-konvenut ma kienux jaghmlu aktar sens (ara fol 102 u 103).

Wara li fisser in-natura tan-negozju illi kellu barra minn Malta, il-**konvenut** xehed illi kellu problemi ta` likwidita` biex ikompli jsostni dak in-negozju u ghalhekk staqsa lill-attur *jekk kienx interessat johrog xi flus.* L-attur ried ikun jaf hu x`kien se jiehu lura u l-konvenut wiegeb – *jien ghidtlu, ghalkemm ma niftakarx ezatt, madwar mitt elf dollaru.* L-attur ippretenda aktar u l-konvenut wiegbu – *jekk kollox imur sew naghtik miljun.*

**Il-konvenut** xehed illi huwa ma kienx jaf kemm l-attur kien qieghed ighaddilu flus. Lill-attur kien jafdah u halla f`idejh li jzomm record ta` kollox. L-attur mhux biss kien jaf hu x`kien qieghed jaghmel izda anke ippartecipa direttament. F`dan is-sens ghamel riferenza ghal Dok JF1. Irrefera wkoll ghal Dok JF2 ; l-ammont ta` €12,000 hallashom huwa ghan-nom tal-attur.

**Il-konvenut** isostni li l-attur hareg flus ghalih u cioe` ghall-konvenut fl-ammont globali ta` €4393.40 u GBP 4750 bejn Awissu 2008 u Frar 2010 (ara Dok JF3 sa Dok JF8). Huwa hareg flus ghall-attur fl-ammont globali ta` €9211.62 matul April 2008 (ara Dok JF9 sa Dok JF12). L-attur hareg ghall-beneficcju tieghu nnifsu €5425.12 fit-12 ta` April 2008 (Dok JF13 u Dof JF14) waqt li Joseph Bezzina hareg ghall-attur l-ammont ta` €5469.42 fit-28 ta`

April 2008 (Dok JF15 u Dok JF16). Il-konvenut ta lista ta` persuni barra minn Malta li rcevew flus li kienu *a spejjez* tal-attur.

**<u>Il-konvenut</u>** jixhed illi l-attur *ma riedx jibqa` jibghat flus fuq it-transazzjonijiet tieghu u waqaf hemm.* U jkompli – *meta kien jislifni xi flus kien igib karti b`figuri godda pero` qatt ma kont nara l-karti ta` qabel. Jien pero` kelli tieghi u bqajt ghaddej.* Kontra l-flus li l-attur silfu saret l-iskrittura dwar is-sehem ta` wiehed minn disgha (1/9) li kellu mid-dar tal-Isla u li kien fuq konvenju ghall-prezz ta` Lm109,000.

Dwar il-figuri li kienu jidhru fl-iskritturi, **<u>il-konvenut</u>** jixhed hekk – *naf li ffirmajtlu xi karti pero` l-figuri li kien inizzel ma kontx naqbel mieghu izda kont niffirma ghaliex inkella ma kienx ighini. Fil-bidu kien hareg xi flus Inglizi u wara biddel din il-figura ghal ewro. Ma kellix ideja x`kien qieghed jaghmel.* L-attur baqa` jisilfu l-flus sal-2010.

Dwar l-ammont li tieghu l-attur qieghed jippretendi l-hlas fil-kawza tal-lum, **<u>il-konvenut</u>** xehed illi mill-figura l-attur *la naqqas it-tletin elf euro (€30,000) tas-sehem tad-dar ta` l-Isla li ghaddejtlu u lanqas il-flus li thallsu ghalih.* Ghalhekk qieghed jippretendi illi l-ammont attwalment dovut lill-attur ghandu jonqos bil-figura ta` €50,103.16 in kwantu ghal €20,103.16 li kien l-investiment dirett tal-attur u in kwantu ghal €30,000 is-sehem tad-dar tal-Isla.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, **<u>il-konvenut</u>** ikkonferma illi Dok JF1 kien *beneficiary confirmation form* u cioe` indikazzjoni ta` kont bankarju fejn kellu jigi eventwalment depozitat il-qliegh min-negozju. Il-kont in kwistjoni kien tal-attur. Skond il-konvenut, il-qliegh kellu jkun ta` US$ 15-il miljun. Sostna illi ma kienx fil-bidu li l-attur kien wissieh li n-negozju li kien qieghed jaghmel ma` barra kien ingann izda wissieh hekk fi zmien aktar ricenti. Meta l-attur iffirma l-applikazzjoni, il-konvenut kien diga` issellef *xi*

*haga* tal-flus minghandu. Dwar il-flus li marru barra, il-konvenut ikkonferma li *meta tmur Western Union int ma tistax tibghat iktar minn certu ammont allura kont nohrog bicca fuq ismi u bicca fuq ismu.* Il-flus kienu qeghdin imorru ghand avukat fl-Afrika ta` Isfel u fl-Ingilterra. Ighid illi l-attur kien igiblu l-karti ghall-firma bil-ghagla. Lanqas kien jaghtih cans jara l-karti. Hu kien jiffirma ghax l-attur kien jheddu li se jtajjarlu rasu u li jekk ma jiffirmax ma kienx se jaghtih aktar flus. Ikkonferma li hu kien kiteb l-ewwel karta tas-self (fol 25). Qal ukoll illi qabel iffirma l-karta tad-€59,260 kien zamm il-karta ghandu d-dar u ffirmaha biss jumejn wara li ccekkja l-affarijiet tieghu (fol 120). Sostna illi fil-kawza tal-lum huwa ma kienx qieghed ighid li ma ghandux jaghti lill-attur izda ma kellux jaghti l-ammont li qieghed jippretendi l-attur. Kompla jghid – *Issa kemm kienet is-somma rrilevanti ghalija ghax jekk tkun daqsxejn iktar jew daqsxejn inqas mhux qed nghid li jien m`ghandix intih.* Dwar id-dokument a fol 4 tal-process, il-konvenut qal *biex inkun ezatt ma nistax nghid jekk hux il-firma tieghi.* Dwar l-ammont ta` €76,500 pretiz mill-attur, il-konvenut xehed hekk – *qatt ma tani dak l-ammont hija f`daqqa. Jekk tani bicciet jista` jkun imma dak l-ammont kollu ghalhekk mhux naqbel mieghu jien.* It-Lm30,000 li huwa kien qed jippretendi li kellhom jitnaqqsu kienu jirreferu ghall-kuntratt Dok PF8 a fol 42. Skond dak il-kuntratt, huwa kien obbliga ruhu illi meta d-dar tinbiegh huwa jghaddi s-sehem tieghu ta` wiehed minn disgha lill-attur. Wasal ghas-somma ta` Lm30,000 ghaliex fil-bidu l-prezz kien sejjer ikun ta` Lm109,000. Billi l-prezz kien se jkun inqas, l-ammont ta` tnaqqis kellu jkun ta` Lm22,000. Fil-fatt ma kien hallas xejn mill-prezz tal-bejgh tad-dar lill-attur. Kien hemm bizzejjed weghda. Il-post kien ghadu fuq konvenju. Mid-depozitu li thallas mal-konvenju, l-attur ma hax flus.

**<u>Joseph Bezzina</u>** xehed illi huwa kien habib tal-partijiet u kien igawdi l-fiducja taghhom it-tnejn. Il-konvenut talab lill-attur biex jisilfu l-flus, u l-attur silfu. Dwar il-kwistjoni li wasslet biex il-partijiet jispiccaw il-Qorti, ix-xhud stqarr illi l-konvenut kien dispjacut li mill-ammont li kien qieghed jippretendi, l-attur ma kienx naqqas flus ta`

sehem li l-konvenut kellu f`bini fl-Isla. Jaf illi l-ftehim kien illi l-attur jiehu l-flus hekk kif id-dar tinbiegh. Huwa qatt ma kien prezenti meta saru kitbiet bejn il-partijiet. Il-figuri dwar kemm flus kienu gew mislufa sar jafhom mill-partijiet. Dwar Dok PF1, ix-xhud qal li huwa ffirma dik il-karta meta gie biha l-attur. Il-konvenut ma kienx prezenti meta x-xhud iffirma. Spjega ghaliex iffirma – *billi kont naf li kien hemm transactions bejn l-ahwa Fiorini u dawn li minni kwazi kwazi ma kienu jahbu xejn anki xi problemi, jiena meta rajt il-firma ta` Pawlu u ta` John qbadt u ffirmajt tahtha ghax hsibt illi biex tigi valida irid ikun hemm firma ohra li jiena ghalkemm ma kontx prezenti kont mithla sew ta` dak li kien qed isir.* Meta hu ffirma, il-partijiet kienu diga` ffirmaw il-karta. Meta hu ffirma ma tax kaz id-data tal-iskrittura. Hu ma ftakarx id-data meta hu kien iffirma l-iskrittura.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Dritt</u>**

Meta ftehim bejn persuni jsir kif trid il-ligi, kemm ghal dak li huwa sostanza kif ukoll ghal dak li huwa forma, dak il-ftehim isir ligi bejn il-partijiet. U ftehim li jsir skond il-ligi jista` jithassar jew jinbidel biss bi ftehim iehor bejn l-istess partijiet.

Fis-sentenza moghtija fil-5 ta` Ottubru 1998 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **"<u>Beacon vs Spiteri Staines</u>"** jinghad hekk –

*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali li trid tigi osservata - pacta sunt servanda.*

Skond l-**Art.993 tal-Kap.16** –

*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi."*

(ara – "**Depares noe vs O` Dea noe**" **–** Appell - 25 ta` Gunju 1996).

Skond l-**Art.1002 tal-Kap.16**, fejn il-kliem ta` konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt huwa car, ma hemmx lok ta` interpretazzjoni ("**Spiteri vs Borg**" – PA/RCP – 30 ta` Novembru 2000 u **"Borg vs Xuereb"** – Appell Civili – 30 ta` Marzu 1997).

Fis-sentenza taghha tas-26 ta` Mejju 1952 fil-kawza "**Morana vs Spiteri et**", il-Qorti tal-Appell sostniet li bhala regola mhumiex ammissibbli provi testimonjali kontra l-miktub (*contra scriptum testimonium non fertur*) pero` din mhix regola assoluta. Infatti kien ritenut li r-regola ma tapplikax f`dawk il-kazi fejn l-att miktub jigi mpunjat minhabba simulazzjoni. Kif lanqas ma hija applikabbli meta jkun jidher li l-kontraenti ghamlu kuntratt biex ighattu kuntratt iehor li realment riedu jaghmlu u meta l-Qorti tkun perswaza li jkun sar zball fil-kuntratt. Imbaghad il-Qorti kompliet hekk –

*1. Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta` bejniethom, ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftehmu fuqu nizzluh f`dik l-iskrittura. Ghalhekk ma ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti jdahhal f`dak il-ftehim klawsoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qeghdin ifissru jew jiccaraw il-klawsoli principali …*

*2. Ghalkemm huwa veru li provi orali jistghu jigu ammessi biex jigu delucidati punti oskuri ta` kitba jew f`xi kazi ta` impunjazzjoni ta` dik il-kitba izda l-provi orali*

*mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga` car …*

*3. Ir-regola li kontra l-prova miktub ma tistax tigi ammessa prova testimonjali mhix applikabbli meta l-prova tigi offerta biex tigi mfissra ahjar l-intenzjoni tal-kontraenti lit kun espressa b`mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jigi pruvat xi fatt incidentali jew accessorju li jkun konciljabbli ma` l-att …*

*4. Il-principju "contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur" jibqa` jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza illi hemm, zball fil-kuntratt jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali …*

**Ikkunsidrat :**

## IV. <u>Risultanzi</u>

Fil-kawza tal-lum, il-provi huma migbura f`dak illi xehdu z-zewgt ahwa kontendenti, u fid-dokumenti li jevidenzjaw dak li sar bejniethom.

Fil-kawza xehed ukoll Joseph Bezzina izda r-rilevanza tax-xiehda tieghu hija relativa bil-bosta, kif huwa evidenti mis-sostanza tax-xiehda tieghu li ghaliha din il-Qorti diga` ghamlet riferenza. L-unika fatt rilevanti li hareg mid-deposizzjoni ta` Joseph Bezzina kien li kkonferma li huwa kien iffirma id-Dok PF1 wara li z-zewg kontendenti kienu diga` ffirmawh. Ma seta` jiccara xejn la dwar id-data meta il-kontendenti ffirmaw u lanqas dwar id-data meta ffirma hu. Ghalhekk fil-verita` Joseph Bezzina ma kienx xhud tal-firem tal-kontendenti fuq id-Dok PF1 ghalkemm l-ebda wiehed mill-partijiet ma qieghed ighid li ma ffirmax dak id-dokument.

Qabel tghaddi sabiex tqis dawk il-provi li huma rilevanti tassew ghall-kwistjoni li ghandha quddiemha, din il-Qorti tirrileva in linea generali li meta gudikant jigi biex iqis il-kumpless tal-provi li jitressqu ghall-konsiderazzjoni tieghu sabiex fuq **dawk** il-provi jaghti decizjoni, il-kriterji tal-konsiderazzjoni tal-provi li fuqhom ghandu jsawwar id-decizjoni tieghu ghandhom ikunu l-kredibilita` u l-verosimiljanza. Dwar din tal-ahhar, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha fil-kawza "**Borg vs Bartolo**" moghtija fil-25 ta` Gunju 1980 ipprecizat - *jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja.* Hekk meqjusa l-provi, il-grad rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel **certezza morali** fil-mohh tal-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta` provi fuq bilanc ta` probabilitajiet (**"Caruana vs Laurenti"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 8 ta` April 1994 ; **"Borg vs Manager ta` l-Intrapriza tal-Halib"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 17 ta` Lulju 1981; **"Vassallo vs Pace"** – Vol.LXX.II.144 u **"Zammit vs Petrococchino"** – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952).

Jirrizulta illi **qabel** l-attur beda jislef il-flus lill-konvenut, dan kien diga` f`inkwiet finanzjarju serju. Huwa ben evidenti mill-assjem tal-provi li l-konvenut halla lilu nnifsu jingarr mill-illuzjoni ta` gwadann facli. Dahal f`negozju ma` terzi residenti barra mill-pajjiz li fir-realta` ghalih kien ifisser biss esbors, kwazi emorragija, ta` flus. Kien qieghed jigri hekk ghaliex biex ma jarax l-illuzjoni tisfuma, kien mehtieg illi l-konvenut jibqa` johrog il-flus. Il-konvenut ma riedx jaccetta li kien qieghed jigi ngannat u ghalhekk irrikorra ghall-attur, li jigi huh, u anke ghal terzi, inkluz ix-xhud Joseph Bezzina, sabiex ikomplu jaghtuh flus wara li tieghu kienu spiccaw. L-attur jixhed illi ghalkemm mill-ewwel issuspetta li dak in-negozju tal-konvenut kien ingann, xorta wahda silef flus lil huh ghax il-konvenut kien iddisprat. Il-konvenut jaccetta li huwa rrikorra ghal huh ghaliex haddiehor ma tahx flus. L-illuzjoni kwazi patetika tal-konvenut tohrog minn kliemu stess meta ighid li minn dan in-negozju huwa kien sejjer jirrikava US $ 15-il miljun. Ghalhekk mill-qligh li kien se

jaghmel – haseb hu - kien se jkollu mnejn jaghti lil huh anke US $ 1 miljun fi qliegh talli silfu l-flus. Dak huwa l-isfond kif rrizulta bl-aktar mod car u kristallin mill-kumpless tal-provi.

Fil-kawza tal-lum, l-attur qieghed jippretendi illi l-konvenut ihallsu lura s-somma kapitali ta` €76,500 li silfu, flimkien mal-imghax. U qieghed jistrieh bhala konferma tas-self fuq id-Dok PF1. Il-konvenut qieghed jiddefendi ruhu mill-pretensjoni attrici billi fl-ewwel lok qieghed jikkontendi li l-iskrittura hija nulla u bla effett ghaliex hija mtebba` b`kawza llecita u fit-tieni lok ghaliex isostni li l-ammont li ghandu jaghti lill-attur huwa inferjuri ghal dak pretiz.

Kienet din il-Qorti stess illi semghet liz-zewgt ahwa jiddeponu. It-tnejn li huma ghamlu affidavit, pero` t-tnejn li huma wiegbu ghal domandi in kontroezami. U fuq l-iskorta ta` dak li qalu fl-affidavits taghhom, fuq li wiegbu u kif wiegbu ghad-domandi in kontroezami, u fuq l-iskorta tad-dokumenti esebiti, il-verzjoni tal-attur hija aktar verosimili u kredibbli.

**Dwar l-ewwel eccezzjoni**, il-konvenut ighid illi Dok PF1 kienet skrittura nulla u bla effett. Il-prova ta` x`kien hemm null u bla effett f`dik l-iskrittura kienet tispetta lill-konvenut. Pero` tifli kemm tifli l-provi tal-konvenut, la ssib x`kien jirrendi nulla dik l-iskrittura u wisq anqas xi prova. Jallega l-konvenut illi l-attur kien jheddu illi jekk jiffirmax dik l-iskrittura u ohrajn ta` qabel kien se jtajjarlu rasu u ma kienx sejjer jaghtih aktar flus. Din l-allegazzjoni la hija attendibbli u lanqas kienet b`xi mod pruvata. L-attur jispjega l-procedura adottata bejn il-partijiet biex jinzamm kontroll fuq il-quantum tal-flus mislufa. Certament illi l-istesura tad-diversi skritturi kienet primittiva ghall-ahhar u zgur li ma kenitx redatta minn mohh legali. Anke l-fatt illi d-data ta` kull skrittura kienet dejjem l-istess. Pero` l-ispjegazzjoni illi ta l-attur ghala d-data kienet dejjem l-10 ta` Marzu 2008 ma tistax tigi skartata ; ebda parti ma hi xi

*mago della finanza* u dehrilhom li jqeghdu dejjem id-data tkun dik tal-ewwel self. Kellux ikun hekk hemm hafna xi tghid pero` dak huwa l-fatt. Pero` dak il-fatt ma kienx jirrendi l-kitba nulla u bla effett. Ma hemmx prova konvincenti li l-konvenut iffirma ghax kien mhedded. Jew ghax l-attur kien imur ghandu bl-ghagla. Plawsibbli ghall-attur li jinsisti fuq il-firma tal-konvenut qabel jaghtih aktar flus. Fatt li pero` jiddemolixxi d-difiza tal-konvenut bl-ewwel eccezzjoni huwa li l-konvenut jaccetta li l-iskrittura li kienet tipprecedi dik ta` €76,500 baqghet ghandu jumejn u ffirmaha wara li qies l-affarijiet tieghu.

**<u>L-ewwel eccezzjoni qeghda ghalhekk tkun respinta</u>**.

**<u>Dwar it-tieni eccezzjoni</u>**, din il-Qorti tibda biex tghid illi ladarba Dok PF1 huwa validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, anke ghaliex il-konvenut jaccetta li ffirmah, mhumiex ammissibbli provi kontra l-miktub. Il-verifika li trid taghmel din il-Qorti hija li tara jekk sarx xi hlas minn dawk is-€76,500. Din il-Qorti qeghda tiskarta bhala insostenibbli l-pretensjoni tal-konvenut illi parti minn dawk il-€76,500 kienu jikkomprendu investiment dirett illi ghamel l-attur fin-"negozju" tal-konvenut. Meta wiehed iqis kif wiegeb ghad-domandi in kontroezami, wiehed jikkonkludi li l-konvenut huwa persuna inattendibbli forsi ghaliex iddisprat jew *in dire straits*. Ma jistax il-konvenut min-naha wahda ighid li kien ihalli l-kontijiet kollha f`idejh l-attur, imbaghad ighid li kellu kif jikkontrolla dak li rcieva minghand l-attur. L-attur silef lil huh mhux investa flus fin-negozju ta` huh. Irrizulta li kull fejn fid-dokumenti esebiti jidher l-isem tal-attur dak kien biss kont bankarju intiz biex eventwali trasferiment ta` flus minn barra isir f`dak il-kont. Inoltre l-konvenut jaccetta illi xi drabi minhabba l-entita` ma setax jaghmel trasferiment barra f`ismu u ghalhekk parti mill-flus kienu jmorru f`ismu u parti f`isem haddiehor fosthom l-attur. Din il-Qorti taccetta bhala fatt ippruvat illi s-€76,500 kienu flus misluf mill-attur lill-konvenut. Tghid li ma kienu jikkomprendu ebda investiment dirett da parti tal-attur nnifsu.

Tibqa` l-kwistjoni jekk dawk is-€76,500 ghandhomx jigu ridotti in vista tal-kontenut tal-kuntratt Dok PF8 (fol 42 u fol 43). Il-parti rilevanti tal-att taqra hekk –

*… id-Debitur* (u cioe` l-konvenut) *qed iwieghed u jobbliga ruhu li mal-bejgh tal-precitata dar fl-Isla* (185, Triq iz-Zewg Mini, l-Isla) *huwa jghaddi n-nona (1/9) parti tieghu mir-rikavat tal-bejgh tad-dar, tkun xi tkun in-nona parti (1/9), lill-istess Kreditur* (u cioe` l-attur) *li jaccetta, bhala hlas akkonbt ta` somma akbar dovuta mid-Debitur lill-Kreditur bhala kapital u imghax u ghal dan il-ghan …*

Kif jaccetta l-istess konvenut, il-bejgh ghadu ma sarx. Ghalhekk dak li hemm mahsub fil-kuntratt ghadu ma avverax ruhu. Per konsegwenza il-konvenut m`ghandu l-jedd ghal ebda riduzzjoni mill-ammont li ghandu jaghti lill-attur minhabba dak li hemm miktub fid-Dok PF8. Inoltre l-pretensjoni tal-konvenut illi l-ammont ghandu jonqos bi €30,000 mhijiex korretta ghaliex il-prezz tal-bejgh mhux determinat u dik il-figura tnizzlet biss fid-Dok PF8 ghall-fini tal-iskrizzjoni ipotekarja. Ghalhekk fil-kuntest tal-kawza tal-lum, il-konvenut m`ghandux jedd ghal tnaqqis minhabba dak li kien inghad fid-Dok PF8.

**<u>It-tieni eccezzjoni qeghda tkun michuda wkoll</u>**.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**1) Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut.**

**2) Tilqa` t-tieni talba attrici u tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur is-somma ta` sitta u sebghin elf u hames mitt Ewro (€76,500).**

**3) Tikkundanna lill-konvenut sabiex fuq l-ammont kapitali ta` sitta u sebghin elf u hames mitt Ewro (€76,500) ihallas imghax kull sena ta` hamsa fil-mija (5%) b`effett mill-24 ta` Marzu 2010 sad-data tal-effetiv pagament.**

**4) Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------